# KUNSILL U KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Diċembru 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakstan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

(2009/81/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza tal-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Każakstan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri fis-16 ta' Settembru 2008 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/777/KE [2].

(2) Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Każakstan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea [3] huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, 18 ta' Diċembru 2008.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|
| *Il-President* | José Manuel BARROSO |
| M. BARNIER | *Il-President* |

[1] L-Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Settembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 267, 8.10.2008, p. 23.

[3] ĠU L 267, 8.10.2008, p. 25.